**• L-AKKADEMJA TAL-MALTI, IMWAQQFA F'MARZU 1925, IDDEDIKAT IL-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHA TA' L-1986, LILL-EX PRESIDENT TAL-GĦAQDA TAGĦNA U PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA, L-AVUKAT ANTON BUTTIGIEG**

# ĠIEĦ LILL-EX PRESIDENT ANTON BUTTIGIEG



F'dan il-ktieb, li kien għall-bejgħ ukoll mill-Każin tagħna, dehru artikli ta' Dr. Oliver Friggieri, tas-Sur Alfred Ellul Galea, tas-Sur Ġużè Cassar Pullicino, ta' Karmenu Vassallo, tal-Profs. Ġużè Aquilina, ta' Dun Frans Camilleri u ta' Dr. Charles Briffa. Dawn kollha kitbu u tkellmu dwar aspetti differenti fil-ħajja ta' Anton Buttigieg.

Id-Direttur Spiritwali tal-Għaqda tagħna, Dun Frans Camilleri, fl-artiklu tiegħu msemmi 'Mhux Għax Kien President Ta' Malta' tkellem dwar il-ħbiberija li huwa kellu ma' Buttigieg miż-żmien meta kienu s-Seminarju. Dun Frans ikompli jgħid kemm l-Avukat Buttigieg ħadem biex jara l-għaqda fil-Ħamrun, fi żmien il-piki u semma ġrajjiet li huwa qasam miegħu matul it-tletin sena li damu jaħdmu flimkien fil-Każin tagħna.

Jakkumpanja dan l-artiklu ta' Dun Frans dehru għadd ta' ritratti li jfakkru ġrajjiet mill-ħajja ta' Anton Buttigieg fil-Każin San Gejtanu. Insemmi fosthom ir-ritratt tal-Kumitat tal-Għaqda ta' l-1981, il-kxif tal-lapida tal-Presidenti fil-Każin fl-1977 u l-kxif tal-bust lil Anton Buttigieg fis-Sala tat-Tazzi tal-Każin.

Kitba oħra interessanti f'dan il-ktieb kienet dik ta' Dr. Charles Briffa, li tana bibljografija tal-kitbiet ta' Anton Buttigieg. Billi Dr. Briffa għamel talba biex min jaf b'xi xogħlijiet pubblikati ta' Anton Buttigieg u li ma kenux imsemmijin fil-bibljografija, jgħarrfu bihom biex jiġu inklużi fiha u b'hekk il-ġabra ta' xogħlijiet tiegħu tkun aktar sħiħa, għaddejnielu għadd ta' pubblikazzjonijiet tal-ktejjeb li l-Għaqda tagħna ħarġet fil-festa, matul is-snin li l-Avukat Buttigieg dam President.

F'dawn il-kitbiet tiegħu, l-Avukat Buttigieg dejjem kellu kelma tajba u sabiħa xi jgħid lil kulħadd, kelma ta' sliem u ta' għaqda, kelma sempliċi u qawwija, kelma b'messaġġ, u għalhekk ħassejna d-dmir tagħna li l-kitbiet tal-Avukat Buttigieg li ħalla lilna fil-Każin San Gejtanu ma jibqgħux moħbija qalb il-kotba l-oħra ġewwa vetrina, iżda jingħataw id-dawl. Fil-fatt, Dr. Briffa sabhom ta' interess kbir u ż-żieda tagħhom mal-kumplament tal-bibljografija dehret f'artikli ta' Dr. Briffa fuq diversi ġurnali. Sinċerament inħoss li dan il-ktieb tal-Akkademja tal-Malti kien ġieħ kbir li ngħata lil wieħed mill-aqwa poeti u kittieba Maltin u Għawdxin u li għal tant snin kien President tal-Għaqda tagħna.